**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 24 ta' Mejju 2023**

Rikors Numru: 180/23 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 914/2013)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi l-partijiet izzewġu fid-dsatax (19) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013) liema zwieg gie insinwat fir-Registru Pubbliku ta' malta u għandu numriu progressiv 447/2013 u dan skont iċ-ċertifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bħala "Dokument A".

2. Illi minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;

3. Illi l-partijiet ilhom separati sa mid disgha u ghoxrin (29) ta Jannar tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) skont il-kuntratt ta' separazzjoni hawn anness bhala "Dokument B" fl- atti tan-Nutar Reuben Debono.

4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli għal rikonciljazzjoni bejn l-istess miżżewġin; Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti.

5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall- ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat nhar id-dsatax (19) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013).

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imholli għall daqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-3 t'April 2023;

Semgħet lill-intimat prezenti fl-awla u fuq domanda tal-Qorti jwieġeb li m'għandu l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprovat illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-29 ta'Jannar, 2021;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprovat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.